# DAK LI JIBNI D-DAR U KULL KOMUNITÀ

1. **KLIEM LI JGĦIN.** Kliem ta' inkoraġġiment, kliem bħal "grazzi, skużani, jekk jogħġbok". Meta l-kliem ma jkunx ta' għajnuna, dan qisu jifga lil dak li jkun. Irridu nidraw naraw dak li hemm tajjeb f'ħaddieħor.
2. **QADI.** Nidraw nagħmlu l-ġid lill-oħrajn. Kif kien jgħid il-Papa tat-Tbissima Ġwanni XXIII, "Xejn ma jtini pjaċir daqs li naqdi lil ħaddieħor". Wieħed mis-sinjali li tassew inħobbu naqdu huwa meta nwettqu dmirijiet li ma nirċevux ħlas għalihom.



3. **ĦU PJACIR B'LI JAGĦMEL ĦADDIEĦOR.** Għandna nifirħu meta xi ħadd jagħmel azzjoni tajba u meta xi ħadd jikseb xi ħaġa. Sfortunatament ġieli ngħiru u dan għax ma naħmlux it-tajjeb f'ħaddieħor u lanqas naraw it-tajjeb li hemm fina stess.



4. **AĦJAR KELMA NIEQSA.** Biex insalvaw ir-relazzjonijiet tajbin xi drabi jkun aħjar li kelma ma tgħidhiex. Hawn min jgħidlek, "Jiena ta' żaqqi f'fommi". Tajjeb li wieħed ikun sinċier imma ma nistgħux ninqdew bis-sinċerità biex inniggżu lil dak li jkun.
5. **NIĠĠUDIKA LILI NNIFSI.** Irrid ngħid li iktar ma niffissaw fuq in-nuqqasijiet tal-oħrajn, aħjar li bil-kalma nara kif jien quddiem il-Mulej.
6. **NITTOLLERAW LIL XULXIN.** Waħda mill-kisbiet li tana l-Konċilju Vatikan hija li sirna nittolleraw iktar lil min hu ta' twemmin ieħor. Li wieħed jittollera lil xi ħadd ma jfissirx li jaqbel miegħu f'dak li jagħmel u jgħid. It-tolleranza tfisser li jien nirrispetta lil min għandu ideat u stil ta' ħajja differenti minn tiegħi.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## L-AVVIŻI:

**LAQGĦA TA' TALB TA' PATRI PIJU:** se ssir għada t-Tnejn 28 ta' Awwissu, fil-kappella tas-Sorijiet. Tibda fil-5:30pm bl-Adorazzjoni u r-Rużarju u wara jkun hemm il-Quddiesa. Dejjem ninkludu l-intenzjoni tal-morda kif ukoll tal-vokazzjonijiet. Tista' tagħti dar-rigal lill-parroċċa.

**FLOW #6:** Iċ-Ċentru taż-Żgħażagħ ser jorganizza attività ta' logħob bl-ilma għall-istudenti kollha li kienu Form 1 u Form 2 fis-sena skolastika li għaddiet, nhar it-Tlieta 29 ta' Awwissu. L-attività tibda fil-5pm u tispiċċa għas-7:30pm. Se jkun hemm snacks u drinks b'xejn għal kull min jattendi.



**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 1 ta' Settembru, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-Quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** b'riparazzjoni lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, nhar is-Sibt 2 ta' Settembru fit-8:15am. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħna.

**IL-KUNSILL LOKALI**: javża li d-Day Centre tal-anzjani se jerġa' jiftaħ fil-5 ta' Settembru. Jiltaqa' fis-Sala Parrokkjali fit-8:30am u bħas-soltu t-trasport ikun provdut.

**OFFERTA MILL-PARROĊĊA:** kif tafu l-ferta li tingħata fil-quddies tal-funerali tmur għall-karità. F'dawn il-ġranet bgħatna €500 lill-Hospice Movement ta' Malta.

**BEJGĦ TA' RAM U ALUMINJU:** il-parroċċa biegħet b'kemm jiswew €557 ram u aluminju. Nirringrazzjaw lil kull min jgħin fir-riċiklaġġ.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am